

Brussell, 5 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

6771/25

ENV 120  
DELECT 20

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 1360 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'5.3.2025 li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE fir-rigward ta' aġġornament tal-lista tal-iskart fir-rigward tal-iskart relatat mal-batteriji

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 1360 final.

Mehmuż: C(2025) 1360 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 5.3.2025  
C(2025) 1360 final

**DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'5.3.2025**

**li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE fir-rigward ta' aġġornament tal-lista tal-iskart fir-rigward tal-iskart relatat mal-batteriji**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-batteriji huma wieħed mill-faċilitaturi ewlenin fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli, il-mobbiltà ekoloġika, l-enerġija nadifa u n-newtralità klimatika. Ir-Regolament dwar il-Batteriji u l-Iskart ta' Batteriji<sup>1</sup> ("ir-Regolament") jintroduċi qafas regolatorju armonizzat li jittratta ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-batteriji mqiegħda fis-suq tal-UE. Biex tgħin fil-ġestjoni tal-iskart, il-Lista Ewropea tal-Iskart<sup>2</sup>, kif emendata l-aħħar fl-2014<sup>3</sup>, tippovdi terminoloġija komuni għall-klassifikazzjoni tal-iskart madwar l-UE, inkluż l-iskart perikoluż.

Skont il-premessa 116 tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrevedi din il-lista biex tqis il-kompożizzjonijiet kimiċi ġodda tal-batteriji, kif ukoll il-proċessi tal-manifattura u tar-riċiklaġġ tagħhom, li qed jevolvu malajr. L-objettiv huwa li jittejjbu l-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u t-traċċabbiltà tal-flussi differenti tal-iskart u li tiġi pprovduta ċertezza dwar l-istatus tagħhom bħala skart perikoluż/mhux perikoluż, sabiex tali skart ta' batteriji jkun jista' jiġi sseparat u rrapportat kif xieraq. Bl-istess mod, il-komunikazzjoni dwar il-Materja Prima Kritika<sup>4</sup> tipprevedi emenda mmirata tal-lista tal-iskart fl-2024 biex tqis il-ħolqien ta' kompożizzjonijiet kimiċi ġodda tal-batteriji (b'mod partikolari batteriji bbażati fuq il-litju u dawk ibbażati fuq in-nikil), il-proċessi tal-manifattura u tar-riċiklaġġ li qed jevolvu, u s-separazzjoni, ir-riċiklaġġ u r-rapportar xierqa tal-iskart ta' batteriji fil-kuntest tar-Regolament il-ġdid dwar il-Batteriji. L-emenda għandha wkoll l-għan li żżid il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem billi tiżgura l-ġestjoni xierqa tal-iskart relatat mal-batteriji. B'mod aktar ġenerali, din għandha titqies ukoll fil-kuntest ta' katina tal-valur tar-riċiklaġġ li taħdem tajjeb, li tappoġġa l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ għall-iskart ta' batteriji u dwar il-kontenut riċiklat f'battery ġodda.

Fost il-kodiċijiet il-ġodda, ġew introdotti kodiċijiet ġodda għall-iskart perikoluż biex jiġu identifikati frazzjonijiet intermedji mit-trattament tal-iskart ta' batteriji, komunement magħrufin bħala "mases suwed". Il-klassifikazzjoni ta' tali skart bħala skart perikoluż hija appoġġata minn informazzjoni aġġornata dwar il-kompożizzjoni u l-klassifikazzjoni tal-komponenti skont ir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, it-Tikkettar u l-Imballaġġ (CLP, Classification, Labelling and Packaging)<sup>5</sup>, li jimplementa s-Sistema Globalment Armonizzata fl-UE.

Il-klassifikazzjoni tal-flussi tal-iskart relatati mal-batteriji għandha impatt fuq il-punt sa fejn huma soġġetti għar-regoli applikabbli dwar il-vjeġġi ta' skart f'konformità mar-Regolament

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE tat-18 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 370, 30.12.2014, p. 44).

<sup>4</sup> COM(2023) 165 final, Komunikazzjoni dwar provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika b'appoġġ għat-tranżizzjoni doppja.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

dwar Vjeggji ta' Skart. Tali regoli ġew stabbiliti bl-objettiv li jiproteġu l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

Minbarra l-introduzzjoni ta' kodiċijiet tal-iskart għal skart ġdid relatat mal-batteriji fil-lista tal-iskart, l-emenda tissostitwixxi l-kodiċi attwali tal-iskart mhux perikoluż għall-batteriji alkalini b'kodiċi tal-iskart ġdid li skontu l-batteriji alkalini kollha huma kklassifikati bħala skart perikoluż. Il-klassifikazzjoni tal-batteriji alkalini, li oriġinarjament kienet ibbażata fuq valutazzjoni li saret fil-bidu tad-disgħinijiet, ġiet adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi tqiesu l-konċentrazzjoni tas-sustanzi rilevanti fil-batteriji u l-klassifikazzjoni tagħhom bħala perikolużi skont ir-Regolament dwar is-CLP.

L-iskart ta' batteriji bbażati fuq il-litju jwassal għal sfidi speċifiċi għat-trasport u t-trattament minħabba perikli ta' splużjoni u ta' nirien, b'mod partikolari fl-iskart municijali. Bħala kontribut għall-immaniġġar sikur u effettiv tal-iskart ta' batteriji bbażati fuq il-litju, fis-sottokapitolu 20 01 tal-lista tal-iskart ġie introdott kodiċi speċifiku ġdid dwar l-iskart perikoluż għall-batteriji bbażati fuq il-litju, li jkopri l-frazzjonijiet tal-iskart municijali miġbura separatament. Dan il-kodiċi għandu jintuża meta jiġi implimentat ġbir separat għall-iskart tal-batteriji bbażati fuq il-litju, bħala alternattiva għall-kodiċi tal-iskart perikoluż applikabbli għall-iskart ta' batteriji perikolużi sseparati u mhux isseparati ta' oriġini municijali.

## **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Dan huwa att tekniku u ma kellux bżonn jiġi appoġġat minn valutazzjoni tal-impatt jew minn konsultazzjoni pubblika miftuħa, b'mod partikolari minħabba n-natura teknika tal-miżura u l-klassifikazzjoni mhux ambigwa tal-iskart bħala skart perikoluż. Dan tal-aħħar jirriżulta mill-applikazzjoni ta' regoli stabbiliti għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi u skart. B'mod aktar speċifiku, il-klassifikazzjoni proposta tal-iskart bħala perikoluż jew mhux perikoluż hija bbażata fuq informazzjoni aġġornata dwar il-kompożizzjoni u l-klassifikazzjoni tal-komponenti skont ir-regoli tal-klassifikazzjoni tal-UE mogħtija fir-Regolament dwar is-CLP u fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE<sup>6</sup> (id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart).

L-att delegat huwa bbażat fuq rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) tal-Kummissjoni<sup>7</sup> mħejji bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, inkluż waqt konsultazzjoni tal-grupp ta' esperti dwar l-iskart li saret fil-31 ta' Marzu 2023 u sessjoni ta' ħidma tal-21 ta' Novembru 2023, kif ukoll konsultazzjoni ddedikata mal-partijiet ikkonċernati. L-att delegat imbagħad ġie diskuss fil-grupp ta' esperti dwar l-iskart, li huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, tan-negozji u tas-soċjetà ċivili, meta ġie stabbilit fit-8 ta' Mejju 2024, u l-kummenti bil-miktub waslu sat-8 ta' Ġunju 2024. L-Istati Membri ġew infurmati dwar kif il-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati fil-laqgħa tal-Kumitat għall-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku u fl-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Iskart stabbiliti skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart fl-20 ta' Settembru 2024.

L-abbozz tal-att delegat ġie ppubblikat għall-feedback tal-pubbliku fuq il-Portal ta' Regolamentazzjoni Aħjar mill-11 ta' Ottubru sat-8 ta' Novembru 2024. Ġie nnotifikat lill-Kumitat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ fil-15 ta' Ottubru 2024.

<sup>6</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

<sup>7</sup> Ir-Rapport tal-JRC: Technical recommendations for the targeted amendment of the European List of Waste entries relevant to batteries, 2024

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat huwa adottat skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a tad-Direttiva sabiex tissupplimentah billi tirrieżamina l-lista tal-iskart stabbilita skont id-Direttiva.

## DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'5.3.2025

### li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE fir-rigward ta' aġġornament tal-lista tal-iskart fir-rigward tal-iskart relatat mal-batteriji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi<sup>8</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

Billi:

- (1) Ġiet stabbilita lista tal-iskart bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/3/KE, segwita minn lista tal-iskart perikoluż stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE. Dawk id-Deċiżjonijiet ġew sostitwiti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE<sup>9</sup>.
- (2) Matul l-aħħar snin tfaċċaw kompożizzjonijiet kimiċi ġodda tal-batteriji, b'mod partikolari għall-batteriji bbażati fuq il-litju, il-batteriji bbażati fuq is-sodju u l-batteriji bbażati fuq in-nikil, filwaqt li l-proċessi tal-manifattura u tar-riċiklaġġ tal-batteriji komplew jevolvu. Dik l-evoluzzjoni tqieset fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> u għandha tiġi riflessa fil-lista tal-iskart.
- (3) Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2023/1542 jintroduċi terminoloġija ġdida u modifikata, applikabbli għall-iskart relatat mal-batteriji (jiġifieri l-iskart mill-manifattura tal-batteriji, l-iskart ta' batteriji u l-frazzjonijiet tiegħu), li konsegwentement għandha tiġi riflessa wkoll fil-lista tal-iskart.
- (4) Għalhekk, jeħtieġ tiġi aġġornata l-lista tal-iskart stabbilita fid-Deċiżjoni 2000/532/KE sabiex jitqiesu kompożizzjonijiet kimiċi ġodda tal-batteriji, l-immaniġġar tal-iskart relatat mal-batteriji u s-suq tal-batteriji li qed jevolvi maż-żmien, u sabiex jittejbu l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-flussi tal-iskart rilevanti kif ukoll biex jiġu appoġġati s-separazzjoni, ir-riċiklaġġ u r-rapportar imtejba tal-iskart relatat mal-batteriji.

<sup>8</sup> ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/oj>.

<sup>9</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2000/532/oj>).

<sup>10</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj>).

- (5) Il-klassifikazzjoni ta' flussi tal-iskart speċifiċi bħala skart perikoluż, li tiddependi fuq informazzjoni aġġornata u bbażata fuq l-evidenza dwar il-kompożizzjoni u l-klassifikazzjoni tal-periklu tas-sustanzi kostitwenti, hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-ġestjoni tal-iskart titwettaq mingħajr ma titqiegħed f'periklu s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent. L-entrati tal-iskart perikoluż inklużi fil-lista tal-iskart għandhom jiġu kklassifikati filwaqt li jitqiesu l-orijini u l-kompożizzjoni tal-iskart, kif ukoll il-valuri limitu ta' konċentrazzjoni applikabbli għas-sustanzi perikolużi, kif definiti legalment fl-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE, għas-sustanzi kklassifikati bħala perikolużi, skont il-kriterji definiti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>.
- (6) Il-klassifikazzjoni tal-batteriji alkalini għandha tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jitqiesu l-konċentrazzjoni tas-sustanzi rilevanti fil-batteriji u l-klassifikazzjoni perikoluża tagħhom f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (7) Sabiex jikkontribwixxi għall-immaniġġjar sikur u effettiv tal-iskart ta' batteriji bbażati fuq il-litju ta' orijini municiċipali, għandu jiġi introdott kodiċi ġdid tal-iskart perikoluż għall-batteriji bbażati fuq il-litju, li jkopri l-frazzjonijiet tal-iskart municiċipali miġbura separatament.
- (8) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2000/532/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (9) Sabiex l-operaturi u l-awtoritajiet ikunu jistgħu jimplimentaw il-kodiċijiet tal-iskart ġodda u modifikati b'mod adegwat, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskart ikklassifikat jew ikklassifikat mill-ġdid bħala perikoluż, u biex isiru l-bidliet strutturali u operazzjonali meħtieġa fil-faċilitajiet li jimmaniġġjaw l-iskart relatat mal-batteriji, kif ukoll biex ikunu jistgħu jsiru l-adattament, is-sottomissjoni u l-ipproċessar tal-permessi tal-iskart, l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi differita,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2000/532/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġobkom daħħlu d-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni*].

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

Magħmul fi Brussell, 5.3.2025

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*